**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 9 ta' Ottubru 2015**

**Kumpilazzjoni: 1208/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**George (George Alfred) Borg**
**(ID 310787(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat George (George Alfred) Borg, iben Alfred u Anna nee` Borg, imwieled il-Pieta` nhar id-29 ta' Mejju 1978, residenti gewwa garage nru. 21A, Triq Moroni, Gzira, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 310787(M):

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Dicembru 2013, f'xi hin bejn it-tlieta u l-erbgha ta' wara nofsinhar minn gewwa vettura tal-ghamla Nissan, numru ta' registrazzjoni HQZ 343, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` *handbag* b'diversi oggetti fih, ghad-detriment ta' Emma Johanna Katarina Bengtsson Aastroem u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' reat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi waqt l-istess ezami, l-imputat iddikjara illi ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll illi originarjament f'dawn il-proceduri tressaq ukoll il-ko-imputat Allan Pace u li, wara illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2014, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fir-rigward taz-zewg imputati, il-Qorti laqghet it-talba u ghaddiet sabiex tiddeciedi l-kaz fir-rigward ta' Pace nhar il-31 ta' Ottubru 2014, b'dan illi sussegwentement, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum fil-konfront tal-imputat odjern;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, b'dan illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, m'hijiex issibu hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat, aggornata sat-8 ta' Dicembru 2013 ossia saz-zmien tar-reat odjern, illi precedentement huwa nghata zewg sentenzi ta' prigunerija sospiza – wahda fis-sena 1998 u l-ohra fis-sena 2000. Ai termini tal-Artikolu 28A(5A) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena moghtija f'sentenza sospiza, meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh ghandha, ghall-finijiet tal-Artikolu 50, titqies li tkun giet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv originali, jew tal-perjodu operattiv maghmul minfloku, ai termini tal-Artikolu

28B(2)(b). Il-perjodu operattiv tal-ewwel sentenza skada fi Frar tas-sena 1999, fil-waqt illi dak tat-tieni sentenza, skada f'Novembru tas-sena 2002. Ghalhekk stante illi dan huwa z-zmien li fih huwa meqjus li dawn iz-zewg sentenzi gew skontanti, isegwi illi r-reat odjern gie kommess wara l-perjodu ta' hames snin imsemmi fl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9. L-istess jinghad fir-rigward tar-reati l-ohrajn li jirrizultaw mill-fedina penali tal-imputat u li dwarhom l-imputat gie kkundannat piena ta' multa. Fir-rigward tal-ahhar kundanna, din kienet tirrigwarda reati kontravvenzjonali li ghalihom ghalhekk japplika l-Artikolu 53 u mhux l-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll illi qabel tressaq il-Qorti in konnessjoni ma' dan il-kaz, huwa rritorna lura parti mir-*res furtiva* ossia *camera* tar-ritratti u *mobile phone* tat-tip IPhone 4. In oltre fis-seduta tat-13 ta' April 2015, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-imputat ghaddielu s-somma ta' hames mija u ghoxrin Euro (€520) fi flus kontanti, rapprezentanti nofs il-valur tar-rimanenti oggetti misruqa (in-nofs l-iehor gie rizarcit mill-ko-imputat Pace).

Qieset ukoll il-kontenut tal-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* u r-rakkomandazzjonijiet tieghu. Skond l-istess rapport, ma jidhirx illi l-imputat ghandu dipendenza fuq sustanzi illeciti, ghandu relazzjoni stabbli mas-siehba tieghu u jiehu r-responsabilita` tieghu ta' missier bis-serjeta`. In oltre qieghed juri rieda shiha sabiex jerga' jaqbad it-triq it-tajba. Fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal tal-*Probation* qal ukoll illi kemm il-darba l-imputat jindirizza l-aspett tax-xoghol, huwa ma jkollux ghalfejn jirrikorri ghall-hajja kriminali u illi l-attitudni tal-imputat waqt il-kumpilazzjoni tar-rapport dehret li kienet wahda ta' dispjacir u rimors fir-rigward ta' dak li ghamel. Ghaldaqstant, l-Ufficjal tal-*Probation* issuggerixxa illi l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* fil-massimu taghha u dan sabiex huwa jkun jista' jibbenefika minn dik il-gwida necessarja u hekk jindirizza ahjar l-aspetti f'hajtu li jirrikjedu azzjoni immedjata. Dan huwa wkoll is-suggeriment dwar il-piena li sar mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern mil-liema jirrizulta illi fis-sena 1995, huwa nstab hati ta' pussess ta' arma minghajr licenza, dwar liema gie kkundannat ghal ammenda, fis-sena 1998 dwar serq aggravat u ricettazzjoni, dwar liema inghata sentenza ta' prigunerija sospiza, ukoll fis-sena 1998, dwar ricettazzjoni, ghal-liema inghata piena ta' multa, fis-sena 1999 dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 li sehh fis-sena 1996, dwar liema wkoll gie kkundannat ghal piena ta' multa, fis-sena 2000 dwar attentat ta' hruq ta' vettura u hsara volontorja fost diversi reati ohrajn li wkoll sehhew fis-sena

1996, ghal-liema huwa gie kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza u fis-sena 2003, gie kkundannat ghal piena ta' multa dwar diversi reati kontravvenzjali. Il-Qorti tinnota illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda pjuttost refrattarja. Biss ghalkemm huwa nghata opportunita` mill-Qrati f'forma ta' zewg sentenzi ta' prigunerija sospiza, qatt ma nghata ghajnuna f'forma ta' Ordni ta' Supervizjoni jew Ordni ta' *Probation.* Ghaldaqstant, f'dan il-kaz, il-Qorti ser taghti opportunita` ohra lill-imputat billi tipprovdilu din l-ghajnuna, bit-tama li jaghraf jindirizza dawk l-aspetti f'hajtu li jzommuh fit-triq it-tajba u li jirrealizza li zgur li m'hijiex soluzzjoni li jirrikorri ghall-kriminalita` biex minghalih itejjeb il-qaghda tieghu. Min-naha l-ohra, il-Qorti qed tqis ukoll is-serjeta` tar-reat odjern u li b'ghemilu l-imputat ghamel hsara kemm lis-socjeta` in generali, kif ukoll lill-vittma specifika li sfat misruqa.

Tenut kont dan kollu, il-Qorti tqis illi piena ta' prigunerija sospiza tkun piena idonea, fil-waqt illi qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni, sabiex jinghata dik l-ghajnuna li ghandu bzonn.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 261(c) u (g), 267, 271, 280(1) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi qed issib lill-imputat mhux hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u qed tilliberah minnha, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (salv, fir-rigward ta' din l-ahhar imputazzjoni, ghar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50, kif inghad) u qed tikkundannah ghall-piena ta' **hdax-il (11) xahar prigunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, qed tigi **sospiza ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum**.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn annessa, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u tirrakkomanda illi l-Ufficjal Sorveljanti jkun l-istess Ufficjal li rrediga l-*Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-hati ossia Matthew Fleri Soler.

Il-Qorti wissiet lill-hati fi kliem car u semplici, bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fit-terminu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza u l-effetti tal-Ordni ta’ Supervizjoni.

Tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat